**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Dicembru 2019

Rikors Numru: 209/2017 AL

**A B**

Vs

**C B**

**U d-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2018 ġew imsejjħa fil-kawza Dr. Yanika Bugeja u l-P.L. Hilda Ellul Mercer sabiex jirrappreżentaw lill-minorenni D B u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2018 gie msejjaħ fil-kawza E F.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fis-18 ta' Settembru, 2017 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1. Illi l-attur kien miżżewweġ lill-konvenuta sakemm dawn isseparaw nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) skont kif jidher mill-Kuntratt ta' Separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dr. Katia Farrugia Cachia kopja ta' liema qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;
2. Illi nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), cioe matul iż-żwieġ tal-partijiet, twieled iben, illi ngħata l-isem ta' D B;
3. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi l-minuri ġie reġistrat fuq A B, li dak iz-zmien kien għadu żewgha, *ai termini* tal-Artikolu 67 tal-Kodici Ċivili, kopja originali tal-imsemmi Att tat-Twelid, qed tiġi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. B.
4. Illi sussegwentement, saru t-testijiet ta' DNA relattivi għall-minuri D B, u jirrizulta mir-Rapport Relattiv datat l-erbgħa (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), u redatt minn Dr. Marisa Cassar, *Laboratory and Technical Manager* fi ħdan MLS BioDNA Limited, fejn irrizulta li l-possibilta` illi l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri, hija totalment inezistenti (Dok. C);
5. Illi għaldaqstant l-attur irid illi l-imsemmi minuri D B ma jibqax magħruf bħala ibnu stante li huwa mhux il-missier tal-imsemmi minuri;
6. Illi dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-attur;

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuti jgħidu ghaliex din il-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minuri;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jagħmel il-korrezzjoni opportuna fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri D B, stante illi jirriżulta kjarament illi ma hemm l-ebda relazzjoni ta' paternita` bejn l-attur u l-imsemmi minuri;
3. Tordna illi l-Att tat-Twelid Numru 5201/2015 jiġi korrett fis-sens illi jiġu mneħħija mill-kolonni rigwardanti "Tagħrif Dwar Missier it-Tarbija", isem u kunjom l-attur, il-professjoni, l-eta` u l-konnotati dwar fejn l-istess attur twieled u joqgħod, b'mod illi l-minuri jiġi dikajrat iben missier mhux magħruf, jew iben terza persuna illi

tistaċ tintavolta tirriżulta, u fil-kolonna rigwardanti il-persuna illi taghmel id-dikjarazzjoni, jiġu mħassra l-kliem “the father”, billi jiġi ordnat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi jagħme; dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet u kull korrezzjoni u annotazzjoni relattiva.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut direttur (a fol. 27) li permezz taghha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-esponenti teċċepixxi illi huwa indispensabbli għall-integrita’ tal-ġudizzju li jiġi mssejjaħ fil-kawża l-minorenni D B li għandu jkun debitament rappreżentat ad litem minn kuratur jew tutur maħtur mill-Qorti, sabiex l-interessi tal-minuri jiġu rappreżentati skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 781, 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi bla ħsara għas-suespost u in vena preliminari ukoll, l-esponenti teċċepixxi illi l-attur ma ddikjarax taħt liema artikolu huwa qed isejjes din l-azzjoni. Għaldaqstant, l-esponenti hija tal-umli fehma illi l-attur għandu jiddikjara tali artikolu, salv pero’ li l-istess esponenti tirriserva d-dritt tagħha sabiex jekk ikun il-każ tissolleva eċċezzjonijiet ulterjuri;

3. Illi stante tali minuri ġie mnissel u mwieled fiż-żwieġ, l-esponenti teċċepixxi illi għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtiega ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta’ sitt xhur mit-twelid tal-minuri għadda. Għaldaqstant, f’dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk l-attriċi ġietx awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipproċedi b’din il-kawża istanti – u fin-nuqqas ta’ dan, f’ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, l-attriċi għandha tirregola l-pożizzjoni tagħha immedjatament;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent tistqarr li m'hijiex edotta mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;

5. Illi stante tali azzjoni si tratta proprju denegata paternita', l-esponenti hija tal-umli fehma illi l-attur jeħtieġlu primarjament jipprova u jissodisfa minn talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70 sub-inċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal dan l-għan, l-attur esebixxa r-rapport ta' testijiet ġenetiċi ai termini tal-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jindika li huwa ma huwiex il-missier naturali tal-minuri D B. Minkejja dan, jidher li jonqos li tali rapport jiġi maħluf mit-tekniku Dr Marisa Cassar;

6. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, l-attur irid fl-istess waqt jegħleb il-preseunzjoni legali maħluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentament juru li l-pussess ta' stat tal-minuri D B ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;

7. Illi sussegwentament u bla preġudizzju għal dak premess, l-esponent huwa tal-umli fehma illi jkun fl-aħjar interess tal-minuri D B, illi dan tal-aħħar ikun jaf min hu missieru naturali. Għaldaqstant, jekk jintlaqgħu t-talbiet tal-attur, ikun ta' benefiċċju u xieraq illi l-konvenuta C B tispeċifika min hu l-missier naturali ħalli b'hekk dan jkun jista' jiġi msejjaħ fil-proċeduri istanti anke permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri D B a tenur tal-Artikolu 92 sub-inċiż 6 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li tintlaqa' is-seba' eċċezzjoni tal-esponent, l-esponent jinvita lill-missier naturali ta' D B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u kunjom, (2) id-dokument tal-Identita', (3) l-eta' tiegħu meta twieledil-minuri, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru, u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled il-minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex eventwalment tkun inserita fl-Att tat-Twelid tal-istess D B, li għandu n-numru progressiv 5201/2015;

10. Illi subordinatament dejjem bla ħsara ghal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem A B, senjatement taħt il-kolonna u r-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar 1-omm u ta' min għamel id-dikjarazzjoni, għandhom jiġu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 5201/2015;

11. Illi finalment, l-esponent dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tal-esponent u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati (a fol. 40) li permezz taghha esponew:

1. Illi mhumiex edotti mill-fatti;

2. Ill if'dan l-istadju l-esponenti m'ghandhomx eċċeżżjonijiet iżda huma jirriservaw id-dritt li jippreżentaw eċċeżżjonijiet ulterjuri jekk jew meta huma jkollhom informazzjoni ulterjuri;

Bl-ispejjeż

Rat il-lista tax-xhieda tal- kuraturi deputati ;

Semgħet lix-xhieda li tressqu.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum,

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mir-rikorrent għaċ-ċaħda tal-paternita` tiegħu versu l-minuri D B. Ir-rikorrent jikkontendi li minkejja li l-minuri tnissel u twieled matul iż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta, dan mhuwiex il-wild naturali u bijoloġiku tiegħu. Fil-fatt hu jgħid li l-minuri D twieled fl-24 ta' Settembru 2015[1], u hu u martu sseparaw fit-30 ta' Mejju 2016, skont kif jidher f'kuntratt anness mar-rikors promotur bħala Dok A. Għalhekk, permezz ta' din il-kawża qed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li huwa mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri billi l-konnotati tar-rikorrenti jiġu kkanċellati minn fuq l-istess ċertifikat.

Din il-Qorti tifhem illi proprju minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, l-istess minuri D ġie mniżżel bħala l-wild naturali tar-rikorrent A B, qua żewġ omm it-tarbija, stante li kienu għadhom miżżewġin fid-data tat-twelid tat-tarbija. Iżda, l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet

[1] Esebit a fol 16.

xjentifiċi u ġenetiċi li fil-każ odjern, li kkonfermaw , għall-kuntrarju ta' kull preżunzjoni legali, li r-rikorrent mhuwiex  il-missier bijoloġiku tal-minuri D. Fil-fatt, fir-rapport ta' Dr. Marisa Cassar, liema rapport ġie maħluf , hemm indikat li l-missier naturali tal-minuri D mhuwiex ir-rikorrent iżda ċertu E F.[2]

Jiġi rilevat, li qua żewġ l-omm, l-unika azzjoni spettanti lir-rikorrenti hija dik ta' denegata paternita` illi permezz tagħha huwa  jċaħħad lill-minuri mill-paternita` tiegħu. Iżda, m'għandux il-fakolta` li jitlob li l-missier naturali jiġi hekk dikjarat.

Illi l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, tramite is-seba' eċċezzjoni, issottometta li l-bl-applikazzjoni  tal-artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tista' tiddikjara min huwa l-missier naturali tal-minuri. L-imsemmi Artikolu 149  jistipula:

**149**. *B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni  ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista' jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjeta` ta' persuna li tkun taħt l-eta` kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel*.

Il-Qorti ma taqbilx illi l-artikolu ċċitat  jista' japplika  għall-każ odjern, u dana stante li l-imsemmi artikolu jifforma parti mil-liġi  li titratta s-setgħat tal-ġenituri u mhux  il-filjazzjoni tal-ulied. L-azzjoni tal-filjazzjoni tispetta jew lill-missier naturali ai termini  tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, jew lil omm ai termini tal-artikolu 77B tal-istess Kodiċi jew lill-iben innifsu ai termini tas-Subtitolu II tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili. Dan dejjem kien l-insenjament  ta' din il-Qorti f'każijiet simili, bħal fil-kawża AB vs CB et noe  (244/15) (AL) deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' Diċembru 2016.

Illi minkejja li l-omm(il-konvenuta C B) indikat fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2018 min hu l-missier naturali tal-minuri u cjoe` E F, u minkejja li talbet li jissejjaħ fil-kawża l-missier naturali tal-minuri D, fl-ebda stadju ma talbet lill-Qorti lanqas permezz ta' kontro-talba appożita sabiex l-istess E F ikun

[2] Fol 51-54 tal-process.

dikjarat bħala l-missier naturali u bijoloġiku ta' binha D, minkejja li talbet li jkun ikkjamat fil-kawża.

Illi minkejja li sija l-Qrati, u wkoll il-leġislatur jirreżistu li jbiddlu l-istat tal-ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ, il-Qorti f'dan il-każ m'għandhiex il-fakolta` li takkolji l-eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fl-ewwel lok għaliex l-oġġezzjoni tad-Direttur hija ta' natura eċċezzjonali u mhux talba per se u l-Qorti ma tistax toħroġ mill-parametri tat-talba kif kontenuta fir-rikors ġuramentat; fit-tieni lok, għaliex fil-fehma tal-Qorti, l-Artikolu 149 iċċitat ma japplikax għall-kawżi ta' filjazzjoni u fit-tielet lok, għaliex il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux l-interess ġuridiku li jitlob dan, stante li kif diġà ntqal, il-liġi takkorda d-dritt ta' azzjoni ta' filjazzjoni biss lill-wild, lill-omm jew lill-missier naturali.

Għaldaqstant, il-Qorti tiċħad is-seba ' eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Ikkunsidrat, li r-rikorrent ippreżenta rikors fl-14 ta' Jannar 2019[3] fejn, in vista tat-tieni eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, indika li huwa qiegħed issejjes l-azzjoni odejrna ai termini tal-Artikolu 70(1) (d) u (e) tal-Kodiċi Ċivili. Fl-istess rikors, indika abbażi tat-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li fl-ewwel sitt xhur mit-twelid tat-tarbija hu ma kienx għadu konsapevoli li l-minuri ma kienx il-wild naturali tiegħu, u meta tqajjem is-suspett, mill-ewwel irrikorra għat-test ġenetiku fl-4 ta' Settembru 2017. Fil-fatt, ir-rikorrent ikkonferma fl-affidavit tiegħu, li malli beda jikber ftit il-minuri D mill-ewwel intebah li ma kienx jixbah lil ħutu u għalhekk, meta nduna b'dan, mill-ewwel ha passi biex isiru t-testijiet xjentifiċi tad-DNA.

Illi, l-Artikolu 70(1) jipprovdi li kull konjuġi, hlief konjuġi li jkun wieled lill-wild, jista' jagħmel rikors sabiex jiċħad li hu ġenitur ta' wild imwieled matul iż-żwieġ:

(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi il-konjugi li wieled kien ghamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild jew,

[3] Fol.45

(e) jekk jipprova xi fatt iehor li jista' wkoll jirrizulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjugi huwa ġenitur.

Jirrizulta wkoll li l-azzjoni odjerna għandha l-fondament legali tagħha fit-terminu tal-artikolu 75 tal-Kapitolu 16 li jipprovdi li:
"1) L-azzjoni sabiex tinċaħad il-paternita` għandha titmexxa:
a) kontra t-tifel jekk ikun tal-eta`; jew
b) jekk ma jkunx tal-eta` jew għal raġuni oħra ma jkunx tajjeb biex joqgħod f'kawża kontra kuratur maħtur mill-Qorti li quddiemha tinġieb il-kawża: iżda l-Qorti tista' taħtar it-tutur li t-tifel ġa jkollu.

2) F'kull każ, il-konjuġi l-ieħor għandu jiġi msejjah fil-kawża."

Illi fit-termini tal-artikolu 73(c) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa stipulat illi

"2 Fil-każ li r-raġel jista' jagħmel il-kawża sabiex jiċħad li jagħraf it-tifel bħal ibnu, hu għandu jagħmel l-azzjoni:
c) fi żmien sitt xhur minn dak inhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid ikun ġie lilu moħbi."

Għalhekk, sabiex tirnexxi azzjoni bħal din, imsejsa fuq l-artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, jeħtieġ li jissussistu tlett rekwiżiti:

1. L-azzjoni promossa mir-raġel tiġi istitwita konta (a) il-mara tiegħu (b) u l-wild tagħha jew kuratur nominat.

2. Fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jinkixef il-qerq.

3. Isiru anke testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna mhijiex l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirriżulta li t-tlett rekwiżiti huma sodisfatti.

Referibbilment għall-kunjom, b'referenza għan-nota tal-konvenuta C Tomanchuk, fejn hemm indikat li l-minuri għandu jiġi indikat bil-kunjom F, ,din il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax tordna li jitniżżlu il-konnotati tal-

missier naturali E F, kwindi, kunjom il-minuri f'dan l-istadju għandu jibqa' indikat bhala B, ai termini tal-artikolu 73 tal-Kap 16.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tad-Direttur intimat u tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif ġej:

1.Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent A B mhuwiex il-missier naturali tal-minuri D.

2.Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri D il-konnotati kollha li jirreferu għall-attur.

3.Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jikkoreġi l-att tat-twelid tal-minuri bin-numru ħamest elef, mitejn u wieħed tas-sena elfejn u ħmistax (5201/2015) jiġi korrett fis-sens li jiġu mneħħija fil-kolonna "Taghrif Dwar il-missier" il-konnotati kollha tar-rikorrent A B, b'mod li l-minuri f'dan l-istadju għar-raġunijiet fuq spjegati, jiġi indikat bħala iben missier mhux magħruf. Tordna wkoll, li fil-kolonna rigwardanti l-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni jiġu mħassra l-kliem "The Father."

L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrent u mill-intimata C B fi kwoti indaqs bejniethom.